MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 26/2009

**Joseph u Sharon konjugi Farrugia**

**Vs**

**Paul Zammit; Giovanna Zammit; Lawrence Zammit; Michael Attard; Mary Carmen Buttigieg; Yvonne Attard; Jane Buttigieg; L-avukat Dr Jean Paul Grech li b'digriet tal-21 ta' April 2009 gie nominat kuratur sabiex jirraprezenta lill-imsefrin Rose Xerri, Mario Victor Attard u Marianne Sultantau b'digriet tat-13 ta' Novembru 2009 gie nominatbiex jirraprezenta lill-imsiefer Joseph Attard; Maria Fortunata Zammit; Paul Zammit f'ismu proprju u bhala ezekutur tal-mejjet missieru Pio Eucharistico Zammit; Yvonne Bezzina f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-imsiefer huha Dr Anthony Zammit; Victoria Farrugia; Marie Louise Camenzuli; Rosette Bonello; Emmanuela Zammit.**

**Rikors**.

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jippretendi l-hlas ta’ disat elef u tlett mitt ewro u sitta u tmenin centezmu (€9,300.86) senserija jew servigi ghall-bejgh ta’ porzjon raba’ mit-territorju maghruf bhala Ta’ Gherejjex, Triq ir-Rabat, Marsalforn. Il-konvenuti kienu kollha vendituri li ffirmaw il-kuntratt tad-19 ta’ Ottubru 2007 atti nutar Dr Kristen Dimech (fol. 3). Fir-rikors li pprezenta l-attur qieghed jitlob il-hlas skond is-sehem li kull wiehed ghandu mill-wirt, in kwantu l-art li nbieghet hi provenjenti minn wirt.

**<u>Risposti</u>**.

Permezz ta’ risposta prezentata fit-3 ta’ Dicembru 2009 l-avukat Dr Jean Paul Grech nomine wiegeb:

1. Il-*privilegium fori* skond l-Artikolu 768(1) tal-Kap. 12.
2. It-talba tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili.
3. Li m’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza.

Uhud mill-konvenuti qeghdin isostnu li l-azzjoni tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili li jipprovdi li azzjoni ghall-hlas ta’ senserija taqa’ bi preskrizzjoni eghluq it-tmintax-il xahar.

Il-konvenuti Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard u Jane Buttigieg wiegbu[1]:-

1. Jekk huma gew imsejha bhala werrieta ta’ ommhom Helen Attard, ghadhom jikkunsidraw li jirrizervaw id-dritt li jirrinunzjaw ghall-wirt ta’ ommhom. Ghalhekk jekk jirrinunzjaw ghall-wirt ma jkunux il-legittimi kontradittури.
2. L-azzjoni tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili.
3. Mhi dovuta l-ebda senserija. Il-ftehim kien li jekk xi hadd minnhom iressaq xerrej ghal xi proprjeta komuni tal-familja, ma kellu qatt jircievi s-senserija. L-atturi kienu pproponew lilhom infushom mhux bhala sensara imma bhala xerrejja.

[1] Fol. 51.

Il-konvenuti Paul Zammit, Giovanna Zammit, Lawrence Zammit, Emmanuela Zammit, Paul Zammit f'ismu propju u bhala ezekutur testamentarju tal-wirt ta' missieru Pio Eucharistico Zammit, Victoria Farrugia, Marie Louise Camenzuli, Rosette Bonello, u Maria Fortunata Zammit wiegbu[2]:-

1. L-ebda hlas ta' senserija mhu dovut.
2. L-intiza bejn il-membri kollha tal-familja Zammit kienet dejjem li jekk xi hadd minnhom iressaq xerrej ghall-proprjeta komuni tal-familja, qatt ma jkun hemm lok ghall-hlas ta' senserija. Inoltre l-atturi pproponew ruhhom mhux bhala sensara imma xerrejja.

L-atturi u l-konvenuti pprezentaw noti ta' sottomissjonijiet. Ghalkemm whud mill-konvenuti pprezentaw in-nota wara t-terminu stabbilit mill-qorti, il-qorti tilqa' t-talba tar-rikors li pprezentaw fit-13 ta' Jannar 2011. Dan peress li hi tal-fehma li ghandha tikkunsidra l-argumenti taghhom.

**Konsiderazzjonijiet**.

Ghal dak li jikkoncerna l-eccezzjoni tal-*privilegium fori*, din l-eccezzjoni nghatat mill-kuratur Dr Jean Paul Grech u mhux minn wiehed mill-konvenuti li jirrisjedi Malta. Benficcju li hu moghti lill-persuni li joqghodu f'Malta dwar qrati f'Malta, u lil dawk li joqghodu f'Ghawdex u Kemmuna dwar qrati f'dawk il-Gzejjer (Artikolu 767 tal-Kap. 12). Fil-fehma tal-qorti f'kawza li ssir quddiem qorti f'Ghawdex, hi biss il-persuna li tkun tghix Malta li tista' tinvoka tali privilegg. Il-kuratur qieghed jirraprezenta biss nies li huma msefrin u ghalhekk ma jistax jinvoka tali privilegg sempliciment ghaliex uhud mill-konvenuti jghixu Malta.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

a) Fil-wirt ta' Michael u Fortunata konjugi Zammit kien hemm porzjon art tal-kejl ta' cirka 1,193 metri kwadri li tinsab fit-territorju tal-Gherejjex, Triq Rabat, Marsalforn,

---
[2] Fol. 64.

limiti Zebbug, Ghawdex. Il-werrieta riedu li din l-art tinbiegh pero ma kienux irreklamaw l-art ghall-bejgh.

b) Jirrizulta li bejn is-sidien kien sar ftehim verbali li jekk xi hadd minnhom iressaq xerrej u jsehh il-bejgh, ma tithallasx senserija lil min ikun introduca lix-xerrej. Il-konvenut Paul Zammit ikkonferma li *"l-ftehim bejnietna l-familjari Zammit li ghandhom sehem minn din il-proprjeta', jew ahjar li kellna sehem minn din il-proprjeta' li nbieghet kien li senserija ma tithallasx"* (fol. 87), u li meta kien sar dan il-ftehim l-attur ma kienx prezenti[3].

c) Kienu tressqu offerti ghax-xiri tal-art. Wahda mill-offerti saret mill-attur f'ismu (ara fol. 103A) ghall-prezz ta' €1,059,864.90. L-attur hu iben Maryanne Farrugia, wahda mis-sidien li ffirmat il-kuntratt ta' bejgh.

d) Fid-19 ta' Ottubru 2007 gie pubblikat min-nutar Dr Kristen Dimech li permezz tieghu l-kumpannija Pristina Properties Limited xtrat porzjon art maghrufa bhala tal-Gherejjex, Triq Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex ghall-prezz ta' €1,059,864.

e) Omm l-attur kienet wahda mill-firmatarji fuq il-kuntratt bhala werrieta ta' missierha Saviour Zammit. Ikkonfermat li l-familja taghha kienu hallsu sehemhom mis-senserija ta' 1% lil binha, hlief ghal ohtha Fortunata Maria Zammit li rrifjutat. Michael Zammit, hu Mary Anne Farrugia, ikkonferma l-hlas min-naha tal-werrieta ta' Saviour Zammit bl-eccezzjoni ta' ohthom Fortunata Maria Zammit.

f) L-attur thallas 1% tal-prezz minghand il-kumpannija li xtrat l-art, u qieghed jippretendi 1% tal-prezz minghand il-vendituri pero skond is-sehem li kull wiehed kellu fl-art li nbieghet.

Jibda biex jinghad li l-qorti ma tistax tonqos milli ssemmi li n-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi[4] hi ezempju ta' kif ghandha tinkiteb nota ta' sottomissjonijiet. Nota fejn fil-qosor hemm migbura l-principji ta' dritt u kif dawn ghandhom jigu applikati fil-kaz in ezami u fiha analizi konciza u perfetta tal-fatti relatati mal-kaz.

---

[3] *"Naqbel illi meta sar il-ftehim bejn il-werrieta li ma tithallasx senserija, Farrugia ma kienx hemm. Lil Farrugia, jien ma kellix x'naqsam mieghu."*.

[4] Fol. 124.

Is-senserija hi parti mill-ispejjez tal-bejgh; l-Artikolu 1362 tal-Kodici Civili: *"Jekk ma jkunx hemm ftehim, is-senserija hi tal-wiehed fil-mija, meta l-bejgh hu ta' hwejjeg mobbli, u ta' tnejn fil-mija, meta l-bejgh hu ta' l-immobbli."*. M'hemmx dubju li l-ftehim li l-konvenuti qalu li kellhom is-sidien bejniethom dwar hlas ta' senserija ma jorbotx lil Farrugia ghaliex dan ma kienx parti ghal tali ftehim. Il-ftehim sar bejn is-sidien u l-attur ma kienx parti ghalih. M'huwiex kontestat li Farrugia sab il-persuna li eventwalment xtrat il-proprjeta, u l-offerta ta' Pristina Properties Limited kienet l-ghola wahda. Mill-provi hu altru milli evidenti li Maryanne Farrugia ma kenitx qeghda tippretendi xi hlas ta' senserija u ma kellha l-ebda involviment ma' Pristina Properties Limited sabiex issir l-offerta. Ghalhekk l-offerta li saret mill-attur ma kenitx offerta mressqa minn ommu. Il-konvenuti lanqas ma jistghu jghidu li huma fehemu li l-art ser tinxtara minn Farrugia. Ghalkemm hu minnu li l-offerta originali hi ffirmata mill-attur (ara fol. 130A), madankollu l-konvenju ffirmah il-perit Bigeni bhala rapprezentant ta' Pristina Properties Limited. Inoltre il-konvenut Paul Zammit stess xehed li Farrugia kien infurmahom li x-xerrrej interessat kien il-perit Bigeni[5]. L-istess qal Michael Attard li kkonferma li Farrugia ghamel l-offerta f'ismu; *"Ahna ridna inkunu nafu min hu dan ta' gewwa. Dak il-hin ma qalilniex min hu x-xerrej. Mar cempel u qalilna li hu l-perit Victor Bigeni."* (fol. 91). Mela mill-bidunett is-sidien kienu nfurmati li l-art ma kenitx ser tinxtara minn Joseph Farrugia.

Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kaz ma kienx hemm ftehim espress mal-atturi ta' senserija. L-uniku ftehim espress li jirrizulta li kien hemm kien ma' Victor Bigeni; *"Qabel ma ghamilt l-offerta, Joseph Farrugia kien kellimni fis-sens li jekk il-kumpannija tieghi jirnexxilha tirbah l-offerta, fis-sens li tixtri l-proprjeta', ser ikollha thallas is-senserija. Fil-fatt, l-art inxtrat mill-kumpannija tieghi. Xi jumejn wara mort ghand il-mama tieghu u jien hallast is-senserija."*[6]. Il-qorti hi tal-fehma li l-attur naqas meta ma kienx car mal-

---

[5] *"L-offerta kienet saret f'isem il-Perit Bigeni. Ahna ma konniex nafu dak iz-zmien biha. Bdejna ninsistu ma' Joseph biex jghidilna min hu l-prospective buyer u qalilna."* (fol. 97).
[6] Deposizzjoni tal-perit Victor Bigeni fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010 (fol. 80).

konvenuti kollha li qieghed jippretendi s-senserija. Fil-fehma tal-qorti l-atturi m'humiex korretti li: *".... l-konvenuti kienu qabdu lir-rikorrenti sabiex issibilhom il-bejgh ta' porzjon raba mit-territorju maghruf bhala Ta' Gherejjex, fit-Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex........"*. Mill-provi rrizulta li Farrugia kien jaf, probabilment minghand ommu, li s-sidien kienu qeghdin jipprovaw ibieghu l-art u ghalhekk ha l-inizjattiva li jfittex lil xi hadd li kien interessat jixtriha. Fil-fatt irnexxielu u meta sab lill-akkwirent is-sidien accettaw l-offerta u sehh il-bejgh. M'hemmx dubju li kieku ma kienx ghall-attur dan in-negozju ma kienx isehh. Kien hu li ressaq il-bejjiegh prospettiv li eventwalment xtara l-proprjeta. Kien verament grazzi ghall-intervent tal-attur li s-sidien tal-art irnexxielhom ibeghuha ghall-ahjar offerent. Hu evidenti li l-konvenuti kollha, gialadarba ffirmaw il-konvenju u eventwalment il-kuntratt ta' xiri, accettaw l-intromissjoni ta' Farrugia f'dan in-negozju. Sahansitra jirrizulta wkoll li Farrugia kien prezenti fuq l-att finali. Ma' Farrugia ma sar l-ebda ftehim li ma jkollux dritt ghal hlas ta' senserija. Kien evidenti ghal kullhadd li dan ma kienx parti mill-ftehim li sar bejn is-sidien. Jekk il-konvenuti riedu jserrhu rashom li l-ebda hlas ma kien ser ikun dovut lil Farrugia, messhom ghamluha cara mieghu qabel iffirmaw l-att finali.

Il-qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-atturi li mid-difiza li ressqu wlied Elena Attard (fol. 61) u l-konvenuti l-ohra li pprezentaw risposta fid-9 ta' Dicembru 2009 (fol. 64), huma qeghdin jiddefendu ruhhom billi jsostnu li kien hemm ftehim bejn il-membri tal-familja li ma kellix tithallas senserija. F'dan ir-rigward l-eccezzjoni taqra hekk fil-parti rilevanti taghha:-

*".... kien hemm minn dejjem intiza cara u espressa bejn il-membri kollha tal-familja Zammit (li taghha l-partijiet kollha f'dinil-kawza huma parti) fis-sens illi jekk xi wiehed minnhom kellu jressaq xerrej ghal xi proprjeta komuni tal-familja, ma kellu jkun hemm qatt lok ta' senserija dovuta mill-vendituri."*.

Mela l-kontestazzjoni mhux li ma kienx sar xoghol li jaghti dritt ghall-hlas ta' senserija imma li kien hemm ftehim li

senserija ma tithallasx. Certament li l-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq il-mod kif il-konvenuti jkunu ddefendew ruhhom fil-kawza.

Ghal dik li hi l-ewwel eccezzjoni li taw uhud mill-ahwa ta' Elena Attard, ma ngabitx prova certa li dawn accettaw il-wirt ta' ommhom. Madankollu l-qorti ser tittratta l-ewwel l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li nghatat minn dawn l-istess konvenuti.

Uhud mill-konvenuti[7] qeghdin isostnu li l-azzjoni tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili li jistabilixxi terminu ta' tmintax-il xahar[8].

Mill-atti jirrizulta li:-

a) Il-kuntratt ta' bejgh sar fid-19 ta' Ottubru 2007. Il-perjodu ta' 18 il-xahar beda jiddekorri minn dakinhar, u ghalhekk skada fid-19 ta' April 2009;
b) Din il-kawza giet prezentata fit-22 ta' Ottubru 2009;
c) Ma tressqet l-ebda prova li l-preskrizzjoni giet interrotta permezz ta' att gudizzjarju li gie regolarment notifikat;
d) Il-proprjeta hi provenjenti mill-wirt ta' Michael u Fortunata Zammit li mietu fl-24 ta' Marzu 1964 u 24 ta' Dicembru 1975 rispettivament. Il-werrieta taghhom huma Fr Joseph, Saviour, Pio Eucharistico, Dr Fortunato, Elena Atard, Lorenzo, Giovanna u Paul ahwa Zammit;
e) Kien hemm uhud mill-vendituri li hallsu lill-atturi sehemhom mis-senserija;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fit-18 ta' Ottubru 2010 (fol. 124) l-atturi qeghdin isostnu li l-konvenuti huma solidalment responsabbli. Ovvjament qeghdin jaghmlu hekk ghaliex l-Artikolu 1100 jipprovdi: *"L-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in*

---

[7] Ulied il-mejta Elena Attard.
[8] Interessanti hi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Stephan Farrugia vs George Said** deciza fit-12 ta' Lulju 2007 fejn gie dikjarat li din il-preskrizzjoni tapplika wkoll fil-kaz ta' hlas ta' kumpens ghal ta' kumpens minflok senserija. F'dan il-kaz m'hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti li dan hu l-provvediment li japplika.

*solidum, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom.”*. F’dan il-kuntest l-atturi ghamlu riferenza ghal fatt li whud mill-eredi hallsu l-import ta’ sehemhom mis-senserija. Hu evidenti li b’dan il-mod l-atturi qeghdin jipprovaw jiggranfaw ma’ dan il-hlas biex jaghtu prova li kien hemm accettazzjoni tad-dejn u ghalhekk interruzzjoni tal-preskrizzjni. Pero’ b’daqshekk il-werrieta ta’ Salvatore Zammit ma kienux qeghdin jirrikonoxxu li hemm solidarjeta. Tant hu hekk li hallsu biss il-kwota ta’ sehemhom mis-senserija. F’kull kaz jekk wiehed kellu jsostni li b’dak il-pagament kien hemm ksur tal-preskrizzjoni, mill-provi lanqas ma rrizulta meta sar dan il-pagament. Prova essenzjali jekk wiehed qieghed jargumenta li dak il-hlas gab mieghu l-ksur tal-preskrizzjoni. Hu wkoll evidenti li t-tezi ta’ solidarjeta hi ghal kollox differenti mil-linja li addottaw l-atturi meta pprezentaw il-kawza. Dan qieghed jinghad ghaliex fir-rikors promotur iddikjaraw is-sehem li kull parti ghandha thallas mis-somma ta’ €9,300.86. Fil-fatt it-talba li saret m’hijiex biex il-konvenuti jigu kundannati jhallsu din is-somma b’mod solidali imma tissemma c-cifra li kull wiehed ghandu jigi kundannat ihallas[9]. Kieku l-atturi kellhom jinghata ragun fil-meritu, m’hemmx dubju li bil-mod kif giet proposta l-kawza l-qorti qatt ma tista’ tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ €9,300.86 b’mod solidali. Inoltre, minn dak li talbu l-atturi fir-rikors hu evidenti li huma stess qeghdin jirrikonoxxu li l-obbligazzjoni m’hijiex in solidum. Hekk ukoll juru bic-car li hi divizibbli tant li minghand il-werrieta ta’ Saviour Zammit thallsu il-kwota li kull wiehed kellu fil-wirt ta’ missierhom bl-eccezzjoni ta’ Fortunata Maria Zammit.

L-Artikolu 1089 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*“Ma jitqiesx li hemm solidarjeta’.* ***Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament.*** *”*.

[9] Ara tieni talba (fol. 2).

Ghalhekk fil-ligi Malti ma tezistix presunzjoni ta' solidarjeta'.

Min-naha l-ohra l-ligi Taljana vigenti tistabilixxi presunzjoni ta' solidarjeta'. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-Artikolu 1294 li jipprovdi:

*"I condebitori sono tenuti in solido, se dalla legge o dal titolo non risulta diversamente."*;

Dan il-provvediment hu spjegat f'dan l-estratt: *"La presunzione di solidarieta' passiva, nelle obblig. con pluralita' di debitori, ha come suo presupposto l'assunzione da parte di questi di un unico debito, cioe' la sussistenza di quella situazione condebitoria che e' alla base del concetto stesso di solidarieta' e che si concreta nel fatto che piu' debitori sono obbligati per una medesima prestaz."* (*Commentario Breve Al Codice Civile*, G. Cian u A. Trabucchi (Cedam, 1996) pagna 1337).

L-Artikolu 1094 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u li l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur."*.

L-atturi ghamlu enfazi fuq dan il-provvediment fin-nota ta' sottomissjonijiet. Fil-fehma tal-qorti dan il-provvediment, li nsibuh fit-titolu *"Fuq l-Obbligazzjoni in solidum kwantu ghad-debituri"*, qieghed sempliciment jaghti tifsira ta' obbligazzjoni *in solidum* u xejn aktar. Minn dan il-provvediment ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-obbligazzjoni ghall-hlas tas-senserija hi *in solidum*.

Fil-Kodici Civili ma nsibu l-ebda provvediment li jghid li vendituri huma obbligati *in solidum* ghall-hlas ta' senserija. Lanqas ma kien hemm ftehim espress f'dan is-sens. Fatt li jaccettaw l-atturi stess bil-mod kif ipproponew il-kawza.

Il-qorti tirrileva wkoll li ghalkemm il-werrieta ta’ Saviour Zammit, bl-eccezzjoni ta’ Fortunata Maria Zammit, accettaw li huma debituri tal-atturi u hallsuhom sehemhom mis-senserija, dan il-fatt ma jfissirx li kienu qeghdin jaccettaw li hemm solidarjeta’. Kieku kien hekk il-qorti tifhem li kienu jhallsu s-senserija kollha u mhux biss il-kwota taghhom.

Ovvjament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista’ tibbenifika biss lil dawk il-konvenuti li tawha. Dan fis-sens li l-azzjoni tkun preskritta fil-konfront taghhom biss u mhux tal-konvenuti kollha. Il-konvenuti li ser jibbenefikaw huma Rose Xerri, Mario Victor Attard, Marianne Sultana u Joseph Attard rapprezentanti kollha mill-kuratur Dr Jean Paul Grech, u wlied Helen Attard li huma Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard, u Jane Buttigieg. Ma rridux ninsew il-mod kif giet proposta l-kawza mill-atturi fejn qeghdin jitolbu minghand kull wiehed mill-konvenut parti mis-senserija, u cjoe’ skond is-sehem li kellhom fl-art jew bhala successuri tal-werrieta tal-konjugi Zammit. Jinghad ukoll li apparti dan fl-atti giet prezentata twegiba li nghatat minn Paul Zammit u Emmanuela Zammit ghall-ittra ufficjali li kienu pprezentaw l-atturi fl-4 ta’ Jannar 2008[10]. Il-qorti rat l-ittra ufficjali prezentata fl-4 ta’ Jannar 2008 kontra Paul Zammit, Giovanna Zammit, Lawrence Zammit, Elena Attard, Maria Fortunata Zammit, Paul Zammit f’ismu proprju u bhala ezekutur ta’ missieru Pio Eucharistico, Yvonne Bezzina f’isimha proprju u bhala mandatarja tal-imsiefer Dr Anthony Zammit, Victoria Farrugia, Marie Louise Camenzuli, Rosette Bonello, u Emmanuel Zammit. L-ittra ufficjali giet notifikata biss lil Paul Zammit, Giovanna Zammit, Lawrence Zammit, Maria Fortunata Zammit, Rosette Bonello, Yvonne Bezzina u Victoria Farrugia, Marie Louise Camenzuli. Ghalhekk fil-konfront taghhom kien hemm il-ksur tal-preskrizzjoni bejn id-9 u 10 ta’ Jannar 2008, dati meta saru n-notifiki. Fir-rigward ta’ Paul Zammit proprio et nomine u Emanuela Zammit ma jirrizultax li gew notifikati qabel skadew it-18 il-xahar. Madankollu l-qorti ma tistax tissolleva *ex officio* eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.

---

[10] Ara fol. 83.

Mill-provi jirrizulta li fiz-zmien meta sar il-bejgh kien hemm sebgha (7) kwoti differenti. L-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta’ €9,300.86 minghand il-konvenuti. Ghalkemm din is-somma m’hijiex 1% tal-prezz li ghalih inbieghet l-art, il-qorti ma tistax minn jeddha tgholli s-somma li qeghda tintalab. Dan ifisser li kull wahda mis-sebgha kwoti tissarraf fis-somma ta’ €1,328.69. Ghalhekk:-

i. Lawrence Zammit irid ihallas €1,328.69;
ii. Paul Zammit irid ihallas €1,328.69;
iii. Werrieta ta’ Giovanna Zammit iridu jhallsu €1,328.69;
iv. Werrieta ta’ Dr Fortunato Zammit li huma Yvonne Bezzina, Victoria Farrugia, Dr Anthony Zammit, Marie Louis Camenzuli u Rosette Bonello jridu jhallsu kull wiehed €265.74;
v. Werrieta ta’ Pio Eucharistico Zammit iridu jhallsu €1,328.69;
vi. Werrieta ta’ Salvu Zammit li huma Fortunata Maria Zammit, Victor Zammit, Michael Zammit, Anthony Zammit, Mary Anne Farrugia u Mary Rose Muscat u Joseph Zammit iridu jhallsu €189.81 kull wiehed. Mill-provi rrizulta li kienet biss Fortunata Maria Zammit li ma hallsitx sehemha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* moghtija mill-kuratur Dr Grech. Spejjez jibqghu bla taxxa dwar din l-eccezzjoni.**

**2. Tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Artikolu 2148[e] tal-Kodici Civili) limitatament fir-rigward tal-konvenuti li tawha[11] u ghalhekk tichad it-talba tal-atturi fil-konfront taghhom.**

---

[11] Dr Jean Paul Grech nomine u Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard u Jane Buttigieg.

**3. Tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti li pprezentaw risposta fid-9 ta' Dicembru 2009 (fol. 64) u tikkundanna lil:-**

**i. Lawrence Zammit ihallas €1,328.69;**

**ii. Paul Zammit[12] irid ihallas €1,328.69;**

**iii. Paul Zammit bhala ezekutur testamentarju tal-wirt ta' Giovanna Zammit ihallas €1,328.69;**

**iv. Paul Zammit f'ismu proprju u bhala ezekutur testamentarju tal-wirt ta' missieru Pio Eucharistico Zammit irid ihallas €1,328.69;**

**v. Yvonne Bezzina f'isimha u f'isem Dr Anthony Zammit, Marie Louis Camenzuli u Rosette Bonello ihallsu kull wiehed €265.74**

**vi. Fortunata Maria Zammit thallas is-somma ta' €189.81.**

**4. Tichad it-talba fil-konfront ta' Emmanuela Zammit in kwantu ma jirrizultax li hi werrieta ta' Pio Eucharistico Zammit.**

**Spejjez tal-kuratur u ta' wlied Elena Attard li pprezentaw risposta fis-7 ta' Dicembru 2009 (fol. 61) ikunu a karigu tal-atturi. Spejjez l-ohra jkunu a karigu tal-konvenuti li gew kundannati skond is-sehem li kull wiehed ghandu jhallas.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[12] Dan hu iben Michael u Fortunata konjugi Zammit.